**Tibqax taparsi ħabib**

Minn naħa titbissimli
U toħodli b'idejja,
U bl-ohra tik tgħassisli
Lest ha tinfed ġenbejja.

Filli tkellimni ħelu
Donnok qisek qaddis kbir,
filli titfa l-velenu
Mimli mewt u kull tbiċċir.

Taf x'qed ngħid ħabib tiegħi
Kemm int mintix ħajt ta' kenn,
Ghax jekk int veru bniedem
kif ma tibdiex tħobb u tħenn?

Ħallih lil sieħbek ħelu
Lil qalbu la tnikkitlux,
Ħallih jiskopri l-hajja
Deni izjed tagħmillux.

Tkun l-imhallef tant krudil
Għax trid li tgħaddi tiegħek,
Tgħallem għal darba ħija
Li dan ħabibek miegħek.

Itlob għalih u ħeġġu
Tih ħa jimraħ kullimkien,
Twaqqaflux 'l-ħeġġa tiegħu
Tħallix jieklok 'l-kiefer jien.

Jalla tagħraf o ħija
Li l-umiltà bhal tabib,
Li tfejjaq qalb imkabbra
Tibqax taparsi ħabib.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.